VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,478, 25 ta' Settembru, 2015
Taqsima B

A.L. 306 tal-2015

ATT DWAR IL-PARTIMONJU KULTURALI (KAP. 445)

Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Treġġigħ Lura ta' Proprjetà Mneħħija Illegalment minn Territorju ta' Stat Membru fl-Unjoni Ewropea

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 55 tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Treġġigħ Lura ta' Proprjetà Mneħħija Illegalment minn Territorju ta' Stat Membru fl-Unjoni Ewropea, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Treġġigħ Lura ta' Proprjetà Mneħħija Illegalment minn Territorju ta' Stat Membru fl-Unjoni Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 445.04

Jissostitwixxi r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieg xort'oħra:

Kap. 445.

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali;

"detentur" tfisser il-persuna li fiżikament tkun qed iżżomm l-oġġett kulturali f'isem partijiet terzi;

"imneħħija b'mod illegali minn territorju ta' Stat Membru" tfisser:

(a) imneħħija mit-territorju ta' Stat Membru bi ksur tar-regoli tiegħu fir-rigward tal-protezzjoni ta' teżori nazzjonali jew bi ksur tar-Regolament (KE) Nru 116/2009 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali; jew

(b) mhux irritornati meta jagħlaq perijodu ta' tneħħija temporanja legali jew kull ksur ta' kondizzjoni oħra li tirregola dik it-tneħħija temporanja.".

VERŻJONI ELETTRONIKA

"kollezzjonijiet pubbliċi" tfisser kollezzjonijiet, definiti bħala pubbliċi skont il-leġislazzjoni ta' Stat Membru, li huma proprjetà ta' dak l-Istat Membru, ta' awtorità lokali jew reġjonali fi ħdan dak l-Istat Membru jew istituzzjoni li tinsab fit-territorju ta' dak l-Istat Membru sakemm dik l-istituzzjoni tkun il-proprjetà ta' dak l-Istat Membru jew ta' awtorità lokali jew reġjonali, jew tkun iffinanzjata b'mod sinifikanti, minn dak l-Istat Membru jew minn awtorità lokali jew reġjonali;

"oġġett kulturali" tfisser oġġett li jkun klassifikat jew definit minn Stat Membru, qabel jew wara it-tneħħija illegali tiegħu mit-territorju ta' dak l-Istat Membru, bħala parti mit-'teżori nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku' fil-kuntest tal-leġislazzjoni nazzjonali jew tal-proċeduri amministrattivi skont it-tifsira tal-Artikolu 36 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

"possessur" tfisser il-persuna li fiżikament tkun qed iżżomm l-oġġett ta' kultura f'isimha;

"proprjetà kulturali" tfisser proprjetà mobbli jew immobbli li tkun tifforma parti mill-wirt kulturali kif imfisser fl-Att;

"ritorn" tfisser ir-ritorn fiżiku tal-oġġett kulturali għat-territorju tal-Istat Membru tat-talba;

"is-Sovrintendenza" tfisser is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali mwaqqfa bl-artikolu 7 tal-Att;

"Stat Membru" tfisser kull stat membru, inkluża Malta, tal-Unjoni Ewropea;

"Stat Membru mitlub" tfisser l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun jinsab l-oġġett kulturali, li kien tneħħa illegalment mit-territorju ta' Stat Membru ieħor;

"Stat Membru tat-talba" tfisser l-Istat Membru li jkun tneħħa illegalment oġġett kulturali mit-territorju tiegħu;

"teżor nazzjonali" fisser proprjetà kulturali.".

VERŻJONI ELETTRONIKA

3. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Dawn ir-regolamenti għandhom jagħtu effett għat-tħassir tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill Ewropew 93/7 tal-15 ta' Marzu 1993 u għandhom jagħtu effett lid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill Ewropew 2014/60/EU tal-15 ta' Mejju 2014 dwar ir-ritorn ta' oġġetti mneħħija b'mod illegali mit-territorju ta' Stat Membru.";

(b) fis-subregolament (2) tiegħu, minflok il-kliem "fl-1 ta' Jannar, 1993 jew wara dik id-data." għandhom jidħlu l-kliem "fl-1 ta' Jannar, 1993 jew wara dik id-data:", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda kull Stat Membru jista' japplika l-arranġamenti previsti fid-Direttiva 2014/60/UE dwar talbiet għar-ritorn ta' oġġetti kulturali li tneħħew illegalment mit-territorju ta' Stati Membri oħra qabel l-1 ta' Jannar 1993."; u

(ċ) minnufih wara s-subregolament (2) tiegħu, għandhom jiżdiedu s-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(3) Dawn ir-regolamenti japplikaw għar-ritorn ta' oġġetti kulturali klassifikati jew definiti bħala teżori nazzjonali, kif imsemmi fir-regolament 2, li ġew imneħħija illegalment mit-territorju ta' xi Stat Membru.

(4) L-arranġamenti previsti f'dawn ir-regolamenti għar-ritorn ta' oġġetti kulturali jistgħu isiru applikabbli għal oġġetti kulturali, inkluża kull ħaġa li taqa' taħt it-tifsira ta' proprjetà kulturali.".

4. Ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: Jissostitwixxi r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

VERŻJONI ELETTRONIKA

"Proċeduri biex jiġu mfittxija proprjetajiet kulturali.

6. (1) Is-Sovrintendenza għandha -

(a) wara applikazzjoni minn Stat Membru tat-talba, tfittex oġġett kulturali speċifikat li jkun tneħħa illegalment mit-territorju tiegħu, u tidentifika l-possessur u, jew id-detentur. L-applikazzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiġi faċilitat it-tiftix, b'referenza partikolari għal-lokalizzazzjoni vera jew preżunta tal-oġġett;

(b) tgħarraf lill-Istati Membri konċernati, fejn oġġett kulturali jinstab proprju fit-territorju tagħhom u jekk hemm raġunijiet biżżejjed biex wieħed jemmen li kien tneħħa illegalment mit-territorju ta' Stat Membru ieħor;

(ċ) tagħmilha possibbli għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tat-talba li jivverifikaw li l-oġġett inkwistjoni huwa oġġett kulturali, kemm-il darba l-verifika ssir fi żmien sitt xhur min-notifika prevista fil-paragrafu (b). Jekk ma ssirx fil-perjodu ta' żmien stipulat, il-paragrafi (d) u (e) m'għandhomx japplikaw iżjed;

(d) tieħu kull miżura meħtieġa, b'kooperazzjoni mal-Istat Membru konċernat, għall-preservazzjoni fiżika tal-oġġett kulturali;

(e) tipprevjeni, bil-miżuri interim meħtieġa, kull azzjoni biex tiġi evitata l-proċedura għar-ritorn;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(f) taġixxi bħala intermedjarju bejn il-possessur u, jew id-detentur u l-Istat Membru tat-talba fir-rigward tar-ritorn. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru i jagħmel it-talb jistgħu, mingħajr preġudizzju għar-regolament 7, l-ewwel jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' proċedura ta' arbitraġġ, b'mod konformi mal-leġislazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru mitlub u kemm-il darba l-Istat Membru tat-talba u l-pussessur jew id-detentur tal-oġġett jagħtu l-approvazzjoni formali tagħhom.

(2) Sabiex jikkooperaw u jikkonsultaw ma' xulxin, l-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri għandhom jużaw modulu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ('IMI') stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 speċifikament maħsuba għall-oġġetti kulturali. Huma jistgħu jużaw ukoll l-IMI biex ixerrdu informazzjoni rilevanti marbuta ma' każ partikolari dwar oġġetti kulturali li kienu nsterqu jew mneħħija b'mod illegali mit-territorju tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu dwar l-użu tal-IMI minn awtoritajiet kompetenti oħrajn għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.".

Jissostitwixxi r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Proċeduri quddiem qorti kompetenti.

7. (1) Stat Membru tat-talba għandu d-dritt jibda proċeduri legali quddiem il-qorti kompetenti f'Istat Membru mitlub kontra l-possessur jew, fin-nuqqas, id-detentur ta' dik il-proprjetà kulturali bl-iskop li jiżgura t-treġġigħ lura tal-proprjetà kulturali li tkun ġiet imneħħija illegalment mit-territorju tiegħu.

(2) Il-proċeduri jistgħu jitressqu biss fejn id-dokument li jibdihom ikollu miegħu:

(a) dokument li jiddeskrivi l-oġġett kopert mit-talba u li jiddikjara li huwa oġġett kulturali; u

(b) dikjarazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tat-talba li l-oġġett kulturali tneħħa illegalment mit-territorju tiegħu.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(3) L-awtorità ċentrali kompetenti tal-Istat Membru tat-talba għandha minnufih tinforma lill-awtorità ċentrali kompetenti tal-Istat Membru mitlub li nbdew proċeduri bil-għan li jkun assigurat ir-ritorn tal-oġġett inkwistjoni.

(4) L-awtorità ċentrali kompetenti tal-Istat Membru mitlub għandha minnufih tgħarraf lill-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri l-oħra.

(5) L-iskambju tal-informazzjoni jsir bl-użu tal-IMI f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali applikabbli dwar il-protezzjoni ta' *data* personali u l-privatezza, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà għall-awtoritajiet ċentrali kompetenti li jużaw mezzi oħra ta' komunikazzjoni flimkien mal-IMI.".

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

6. Ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolamenti (2), (3) u (4) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subregolamenti (3), (4) u (5) rispettivament;

(b) minnufih wara s-subregolament (1) tiegħu għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Sabiex jiġi ddeterminat jekk il-possessur użax id-diliġenza u l-attenzjoni meħtieġa, għandhom jiġu kkunsidrati ċ-ċirkustanzi kollha tal-akkwist, b'mod partikolari d-dokumentazzjoni dwar l-oriġini tal-oġġett, l-awtorizzazzjonijiet għat-tneħħija mitluba skont il-liġi tal-Istat Membru tat-talba, il-karattru tal-partijiet, il-prezz imħallas, jekk il-possessur ikkonsultax kull reġistru aċċessibbli ta'' oġġetti kulturali misruqa u kull informazzjoni rilevanti oħra li setgħet inkisbet b'mod raġonevoli, jew ħax kull pass ieħor li persuna raġonevoli kienet tieħu fl-istess ċirkustanzi.";

(ċ) is-subregolament (4) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(4) L-ispejjeż li jirriżultaw minħabba fl-implimentazzjoni ta' deċiżjoni li tordna r-ritorn ta' oġġett kulturali, għaż-żamma fis-sigurtà u konservazzjoni tal-imsemmi oġġett u għall-ispejjez tal-miżuri msemmija fir-regolament 6(1)(d), għandhom jitħallsu mill-Istat Membru

VERŻJONI ELETTRONIKA

tat-talba."; u

(d) fis-subregolament (5) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, or the "imsemmija fis-subregolamenti (1) sa (3)" għandhom jidħlu l-kliem "imsemmija fis-subregolamenti (1) sa (4)".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

7. Fit-test Ingliż tas-subregolament (1) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "and, for" għandhom jidħlu l-kliem "and, or".

Jissostitwixxi r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

8. Ir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Status skont id-dritt ċivili.

10. (1) Fil-każ ta' donazzjoni jew suċċessjoni, il-possessur m'għandux ikun f'pożizzjoni aktar vantaġġuża mill-persuna li mingħandha akkwista l-oġġett b'dawk il-modi.

(2) Proċeduri għar-ritorn taħt dawn ir-regolamenti ma jistgħux jitressqu aktar minn tliet snin wara li l-awtorità ċentrali kompetenti tal-Istat Membru tat-talba ssir taf fejn jinsab l-oġġett kulturali u l-identità tal-possessur jew tad-detentur.

(3) F'kull kaz, proċeduri bħal dawn ma jistgħux jitressqu aktar minn tletin sena wara li l-oġġett ikun tneħħa illegalment mit-territorju tal-Istat Membru tat-talba.

(4) Fil-każ ta' oġġetti li jagħmlu parti minn kollezzjonijiet pubbliċi u oġġetti li jappartjenu għal inventarji ta' istituzzjonijiet ekkleżjastiċi jew istituzzjonijiet reliġjużi oħra fl-Istati Membri fejn huma soġġetti għal arranġamenti ta' protezzjoni speċjali taħt il-liġi nazzjonali, il-proċeduri għar-ritorn għandhom ikunu soġġetti għal limitu ta' żmien ta' ħamsa u sebgħin sena, minbarra fi Stati Membri fejn il-proċedimenti mhumiex soġġetti għal limitu ta' żmien jew fil-każ ta' ftehim bilaterali bejn Stati Membri li jipprovdu għal perijodu li jeċċedi l-ħamsa u sebgħin sena.

(5) Il-proċeduri għar-ritorn ma jistgħux jitressqu jekk it-tneħħija tal-oġġett kulturali mit-territorju nazzjonali tal-Istat Membru tat-talba ma tkunx aktar illegali fiż-żmien meta jinbdew.".

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iħassar l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

9. L-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi mħassra.